# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 10/2015

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Mario Buhagiar**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Mario Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 378168M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Jannar 2005 u matul l-ahhar gimgha qabel din id-data:

(a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta'

Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Ukoll talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Joseph Raymond Christi ta' 36 sena, imwieled Ghawdex fl-14 ta' Gunju 1968 u detentur tal-karta tal-identita` 34368(G);

(c) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) Ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magt. Dr. L. Quintano) fit-8 ta' Gunju 2004;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Jannar, 2015 li biha sabet lill-appellant mhux hati tal-imputazzjoni (b) migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, fil-waqt li sabitu hati tal-imputazzjonijiet (a), (c) u (d) u ikkundannatu, fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (c), ghal piena ta' hdax-il xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom – u multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950). Fir-rigward tal-imputazzjoni (d) u dwar ir-reat mertu tas-sentenza datata 8 ta' Gunju 2004, moghtija mill-Qorti, kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano fil-konfront tal-imputat, il-Qorti trattat mal-appellant billi ikkundannatu ghal piena ta' multa ta' tlett mitt Euro (€300). Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-multa ossia l-ammont totali ta' elf, mitejn u hamsin Euro (€1,250) tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din il-data mal-awtoritajiet tal-habs. Pero` jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti;

Il-Qorti ikkundannat lill-appellant ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi dan il-kaz jirrisali ghat-13 ta' Jannar 2005 u allura qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tas-sena 2005 li emenda l-imsemmi Artikolu 533 u stante illi l-esperti kollha li rrelataw f'dan il-kaz, gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta. In oltre it-tieni relazzjoni esebita mill-espert Dr. Martin Bajada f'dawn il-proceduri, fuq estensjoni tal-inkarigu lilu moghti fl-istadju tal-inkjesta, m'hijiex relevanti ghal fini tal-imputazzjonijiet li dwarhom instabet htija permezz ta' din is-sentenza.
Finalment, il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li jinsabu esebiti bhala Dokument MM2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Buhagiar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu talab il-varjazzjoni tas-sentenza appellata billi din tkun konfermata in kwantu din sabet lill-appellant mhux hati tal-imputazzjoni (b) migjuba kontra tieghu u lliberatu minnha, filwaqt li sabitu hati tal-imputazzjonijiet (c) u (d) b'dan li fir-rigward ta' din tal-ahhar ikkundannatu ghal piena ta' multa ta' tlett mitt Euro (€300) kif ukoll in kwantu l-Qorti ma kkundannatx lill-esponent ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti, u ordnat ukoll id-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga taht il-harsien tar-Registratur, izda tirrevokaha in kwantu din sabitu hati ta' l-ewwel akkuza (a), u kkundannatu komplessivament ghal 11-il xahar prigunerija u multa ta' €950 u dan billi tilliberah mill-imsemmija akkuza u tvarja l-piena skond ic-cirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellant u lill-abbli Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda s-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni u dwar dan dan donnu iressaq zewg ragunijiet ghaliex ma kellhiex tinsab htija f'dan ir-rigward. L-appellant jargumenta illi l-unika prova prodotta mill-prosekuzzjoni kienet l-istqarrija tieghu li fiha kien irregistra ammissjoni, liema stqarrija mhix ammissibbli skond il-ligi;
2. Din il-Qorti ma tqisx li jkun ta' xi utilita' li tinoltra mill-gdid fuq id-dibattitu dwar l-ammissibilita' o meno' tal-istqarrija ta' suspettat mehuda mill-Pulizija Ezekuttiva fi zmien meta l-ligi kienet tichad id-dritt tal-assistenza legali "*as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons* [fil-pre-trial stage]" (Borg vs Malta EctHR 12.01.2016 kif rappurtata f'The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor 1.12.2016). Tajjeb, izda, li kwantu jirrigwarda l-*quid juris* kurrenti dwar l-ammissibilita' tal-istqarrija mehuda fic-cirkostanzi kif esposti *supra* ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs DC – App Krim 22.3.2017. Il-posizzjoni legali kurrenti ghalhekk tehtieg li din il-Qorti tezamina jekk l-istqarrija inghatatx mill-appellant fi zmien meta l-ligi kienet tichad id-dritt tal-assistenza legali u jekk dik l-istqarrija kienetx l-unika prova li wasslet ghas-sejbien ta' htija fil-konfront tal-appellant;

3. L-istqarrija tal-appellant ittiehdet fl-14 ta' Jannar, 2004, izda ghar-ragunijiet li maghhom taqbel din il-Qorti, l-ewwel Qorti kkonkludiet li din kellha titqies bhala li ttiehdet fl-14 ta' Jannar 2005. F'dak iz-zmien, skond il-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, ma kienx koncess id-dritt tal-assistenza legali li persuni suspettati u mizmuma taht il-kustodja tal-Pulizija (ghalhekk l-Att III tal-2002 intoduca dan id-dritt, l-emendi in rigward dahlu fis-sehh biss fis-sena 2010 ex Avviz Legali 35/2010). Issa f'din l-istqarrija, l-appellant kien ammetta li ghadda qartas eroina minn tieghu lil Raymond Christie biex ifieq u ta' dan ma hadlux flus;

4. L-ewwel Qorti irragunat bil-mod segwenti fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni: *Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ossia dik ta' traffikar ta' droga eroina, fl-istess stqarrija tieghu, kif inghad, l-imputat ammetta illi fil-jum ta' qabel jew ta' qablu (wara jghid, jumejn ilu, igifieri fit-12 ta' Jannar 2005), huwa ta ftit eroina lil Christie minn tieghu biex ifieq, li kien tah l-eroina go karta ta' pitazz (qartas) u li kien tah dan il-qartas gewwa l-Hamrun, fit-triq principali. L-imputat jghid ukoll illi ta' dan il-qartas, huwa ma kienx hadlu flus". "Bil-fatt illi l-imputat provda jew prokura d-droga eroina lil Christie, huwa rrenda ruhu hati ta' traffikar ta' droga eroina u ghaldaqstant il-Qorti tqis l-ewwel imputazzjoni bhala pruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.".* Huwa evidenti minn dak appena rikapitat, illi l-unika prova tal-prosekuzzjoni kontra l-appellant kienet tikkonsisti fl-istqarrija tieghu li kien xtara zewgt iqratas eroina ghalih u ta wiehed minnhom lill-Christie. Dik il-prova, anke jekk daqshekk singolari, setghet legalment tittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti skond il-ragunament legali prevalenti dak iz-zmien. Illum, izda, kif spjegat *supra,* dik l-istqarrija minghajr assistenza legali ma tistax aktar tkun meqjusa bhala prova;

5. Ezaminati l-atti processwali, ghajr l-istqarrija tal-appellant, ma hemm xejn li tiswa bhala prova inkriminanti kontra tieghu. Ghall-kuntrarju, u kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-karta tal-qartas ta'

eroina misjuba fil-pussess tal-appellant hija differenti minn dik tal-qartas misjuba fir-residenza ta' Christie. Inoltre, ix-xhud Brian Mallia ddikjara illi meta kienu ltaqghu ma' Christie, dan ried jixtri d-droga u peress illi sia Mallia kif ukoll l-appellant ma kellhomx flus u kellhom htiega huma stess tad-droga, hadu l-flus ta' Christie biex taparsi jmorru jixtru d-droga ghalih u minflok baqghu xtraw id-droga ghalihom. L-appellant zamm ghoxrin lira minnhom ghaliex lanqas kellu flus biex jixtri l-hrieqi u l-halib ghat-tfal tieghu;

6. Illi ghalhekk, bl-eskluzzjoni tal-istqarrija tal-appellant ma hemm l-ebda prova ohra li tista' b'xi mod torbot lill-appellant mal-fatt ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni. L-appellant ghalhekk ghandu ragun u din il-Qorti ser tghaddi biex tilliberah minn dik l-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk ukoll tastjeni milli taghmel konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju ghar-rigward ta' din l-istess imputazzjoni;

7. It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti. Issa filwaqt illi l-appellant jargumenta illi l-ewwel imputazzjoni kellha taqa' fil-konfini ta' *sharing* u li ghalhekk tisthoqq piena aktar miti, fit-talba tieghu ghar-riforma tas-sentenza appellata talab, wara li jkun liberat mill-ewwel imputazzjoni, varjazzjoni tal-piena skond ic-cirkostanzi. La darba din il-Qorti mhix qed issib htija fl-appellant kwantu l-ewwel imputazzjoni, isegwi li ghandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena stante li issa l-appellant ghandu jkun ikkundannat biss ghal-pussess ta' droga eroina konsistenti f'qartas wiehed;

8. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell, **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tirrevokaha** in kwantu sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u in kwantu ikkundannatu ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni ghal-piena ta' hdax-il xahar prigunerija effettiva - li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom, u multa ta' disa mija u hamsin Euro (€950) u **minflok** ma ssibux hati tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah u kwantu l-piena ghat-tielet

imputazzjoni, tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' (€200), u tikkonfermaha fil-kumplament b'dan illi l-koncessjoni mill-ewwel Qorti ghal-hlas tal-multa ta' €1,250, li issa tammonta ghal €500 (€200 kwantu it-tielet imputazzjoni u konferma tal-multa ta' €300 kwantu ir-raba imputazzjoni) tibqa' fis-sehh u ghalhekk tista' tithallas bir-rata ta hamsin euro (€50) kull-ahhar tax-xahar fit-termini tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali u bl-istess kawteli kif imposti fis-sentenza appellata.

Giovanni Grixti
Imhallef